7 ta' Ġunju, 1952.

*Imħallef:*

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Emmanuela Zahra**

## Deċenza fil-Ħwienet tax-Xorb — Mara — Government Notice 392/1929.

*Ir-regolamenti maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 392 ta' l-1929 huma ntiżi biex jiżguraw il-manteniment, minbarra ta' l-ordni, anki tad-deċenza fil-ħwienet tax-xorb; u, fost ħwejjeġ oħra, dawk ir-regolamenti jipprojbixxu lit-titolar tal-ħanut li jippermetti li n-nisa jitlajjaw fil-ħanut tiegħu.*

*Billi l-liġi titkellem fuq "mara", dan ma jfissirx li dik il-projbizzjoni ma hix applikabili għal tfal ta' età tenera. Għax l-indeċenza tista' tiftiehem mhux biss fis-sens illi nisa ta' età adulta jiddiportaw ruħhom ħażin f'dawn il-ħwienet, imma anki fis-sens li bniet ta' età impressjonabili jiġu mqabbda t-triq tal-ħażen, billi josservaw tal-volta ċerti atti ta' libertinaġġ li, għalkemm f'dak il-mument ma jikkomprenduhomx, il-quddiem però r-rievokazzjoni tagħhom tista' tkun kaġun li huma jaqbdu t-triq tal-vizzju.*

Fuq l-imputazzjoni illi, fil-waqt li hi titolari tal-ħanut imsemmi fiċ-ċitazzjoni, ippermettiet lit-tifla tagħha Bernarda, ta' sitt snin u nofs, li tibqa' fl-istess ħanut, l-imsemmija Zahra ġiet, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-5 ta' Marzu 1952, misjuba ħatja u kundannata għal jumejn priġunerija;

L-imputata appellat minn din is-sentenza;

Jirriżulta mill-provi illi din it-tifla kienet fil-ħanut fil-ħin tax-xogħol, meta kien hemm diversi avventuri;

Id-Difiża ssottomettiet illi l-liġi tirriferixxi għal nisa ta' età adulta, u mhux għal tifla ta' l-età fuq imsemmija;

Hu veru li l-liġi tgħid "mara" fit-test Malti, "woman" fit-test Ingliż, u "donna" fit-test Taljan antik; iżda l-limitazzjoni li fil-liġi trid tinduċi d-Difiża ma hijiex aċċettabili, għaliex ir-regolament għandu jinqara fl-ispirtu ta' l-intestatura, li hi simili għal-"long title" tal-liġijiet, fejn ikun hemm l-iskop tal-leġislatur fil-qosor; u f'din l-intestatura jingħad illi r-Regolamenti ta' dik in-Notifikazzjoni (392 ta' l-

1929) huma intiżi biex jiżguraw il-mantenimen, minbarra ta' l-ordni, anki tad-deċenza fi ħwienet simili;

L-indeċenza tista' tiftiehem mhux biss fis-sens li nisa ta' età adulta jiddiportaw ruħhom ħażin f'dawn il-ħwienet, imma anki fis-sens li bniet ta' età impressjonabili jiġu mqabbda t-triq tal-ħażen billi talvolta josservaw ċerti atti ta' libertinaġġ li, għad li fil-mument ma jikkomprenduhomx, 'il quddiem però r-rievokazzjoni tagħhom, kif ġie osservat f'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Milan, 30 ta' Lulju 1891 (Mon. Trib. 1891. 728), tista' tkun kaġun li jaqbdu t-triq tal-vizzju. Minbarra dan, l-esperjenza tal-każistika fil-Qrati Kriminali turi li ċerti individwi snaturati jistgħu anki, għal sfog libidinus tagħhom, jissorprendu l-inġenwità tat-tifla f'età tenera;

Jiżdied illi kienet tkun ħaġa perikoluża kieku fir-regolamenti in kwistjoni tiġi importata gradazzjoni ta' età, mentri l-liġijiet ma għandhomx jiġu interpretati f'mod perikoluż. Huwa wkoll ta' min josserva illi, sa fejn jaf l-Imħallef sedenti, lir-regolament in parola qatt ma ġiet mogħtija interpretazzjoni li biha kien jiġi, in sostanza, permess lill-bniet ta' età tenera li jitlajjaw f'dawn il-ħwienet;

Kwantu għall-piena;

L-Imħallef sedenti ma hux propens, in linea di massima, li jiddisturba d-diskrezzjoni tal-Maġistrat għal dak li hija piena, ammenokkè ma jaħsebx, fil-fehma tiegħu, li fiċ-ċirkustanzi tal-każ hi manifestament eċċessiva. Issa, fil-każ preżenti din hija l-fehma tal-Qorti. Għalkemm fiċ-ċitazzjoni hija allegata r-reċidiva, mill-proċess ma tirriżulta ebda prova ta' daqshekk. L-istess Maġistrat lanqas semma r-reċidiva fis-sentenza appellata; anzi l-fatt li (għad li ċċita l-art. 315 Kap. 13) hu ma ordnax is-sospensjoni tal-liċenzi, kif kien mitlub jagħmel fiċ-ċitazzjoni in bażi għar-reċidiva, pjuttost juri li ma ġietx pruvata r-reċidiva. Għalhekk dan il-fattur, li altrimenti kien ikun raġuni biex tiġi eżasperata l-piena, ma għandux jitqies. Issa, iċ-ċirkustanzi tal-każ partikulari huma tali li jissuġġerixxu temperament fil-piena;

Għal dawn ir-raġunijiet;

*Tiddeċidi;*

Billi fil-meritu tiċħad l-appell, u fil-meritu tikkonferma s-sentenza appellata. Kwantu għall-piena, tħassar dik tal-

prigunerija għal żmien jumejn, inflitta mill-Ewwel Qorti, u tinfliġġi, minflok, il-piena ta' l-ammenda ta' 10s., titħallas żmien jumejn.